**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 24**

**Data:** **16 ta' Dicembru 2025**

**Hin:** **9.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

24.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

24.5 Korrispondenza u Rapporti;

24.6 Attivitajiet ghax-xhur ta' Jannar u Frar 2026;

24.7 Inawgurazzjoni ARB Complex;

24.8 Progetti u Xogholijiet;

24.9 Performance Bonus tal-Haddiema;

24.10 Materji ohra;

24.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**24.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

24.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.1 Is-Sindku qal li l-lift tal-ARB Complex huwa lest pero' fil-prezent qed ikun mitfi. Huwa ghamel referenza ghall-inawgurazzjoni tal-kumpless fejn huwa ssugerixxa li jsir wara l-festi tal-Milied bid-data ghandha tkun lejn il-15 ta' Jannar. Zied jghid li l-Kunsill irid jara d-disponsabilita' tal-Onor. Alison Civelli u Ministeru ghal Ghawdex. Tonio Mifsud issugerixxa sabiex ikun hemm open day u ftuh ufficjali fl-istess waqt. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni tal-program fejn gie suggerit li jkun hemm il-group tal-Otters li jkollhom anke stand. Joseph Mizzi qal li ghandhu jkun hemm anke ERRC filwaqt li Tonio Mifsud issugerixxa li jkun hemm Neil Agius kif ukoll xi hadd min-naha tal-Para Olymics. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jara d-disponibilita' ta' l-Onor. Ministri u jimxi minn hemm.

24.3.2 Is-Sindku qal li xtaq jiddiskuti iz-zona ta' fejn il-grawnd tal-futbol fejn qeghda issir ukoll talba sabiex jikber il-grawnd u z-zona tal-madwar. Huwa pogga pjanti fuq il-mejda u spjega li din iz-zona ma tistax tinkera mid-Dipartiment tal-Artijiet. Huwa rrefera ukoll ghall-parkegg li kien gie diskuss fil-laqgha precedenti fejn il-Kunsill kien ra li l-ahjar bhala post ikun that l-iskola pero' gie innotat li dan ser jkollu aktar spejjez u ghaldaqstant l-ahjar huwa ma genb il-grawnd u Triq il-Vizitazzjoni fejn ser ikollu kapacita' ta' aktar vetturi ukoll u jekk ikun hemm attivitajiet fiz-zona tal-grawnd ikun idejali.

Is-Sindku qal li l-Gharb Rangers huma interessati f'dan il-progett u kienet saret laqgha mall-Perit fejn dan ikkreja *concept* tal-progett. Huwa qal li bhala binja ha jkollha tlett sulari pero' il-*visual* mhux ser jinbidel. Taht ser ikun hemm parkegg bejn il-grawnd u l-ewwel dar fejn ser ikun hemm it-triq li twassal ghal Triq Frangisk Portelli kif kien hemm diga ippjanat. Huwa zied jghid li l-access li hemm fil-prezent ser ikollu dislivel u ghaldastant irid jinstab access iehor. Bhala proposta ser ikun fiha il-parkegg that l-art fejn fuq ikun hemm *football pitch, padel court,* u facilitajiet ohra bhal Bar/Cafeteria li huma importanti sabiex jaghmlu profit. Ser jizdied ukoll is-*seating area* tal-ground. Is-Sindku qal li bhala progett iridu jsiru l-kalkoli kollha biex wiehed jara hijiex vijabbli. Tonio Mifsud staqsa jekk hux ser ikun hemm gibjun fejn is-Sindku qal li hemm wiehed that il-parkegg.

Tkompliet id-diskussjoni dwar il-proposta tal-progett fejn gie spjegat ukoll li fil-*plot* li baqa' vojta huwa progettat li jista' jkun hemm facilita ghal players u timijiet li jkunu qed jaghmlu uzu mill-grawnd. Iz-zona ta' wara d-djar ser tkun livellata ma' Triq Frangisk Portelli u ser tkun imsaqqfa u jsir parkegg u that issir progett li jghin fis-sostinibilita tal-progett shieh. Is-Sindku qal li din il-proposta qeghda ssir sabiex in-nies ma jkollhomx il-veduta disturbata. Dan il-parkegg ser jghin sabiex isir parkegg ghal Ta' Dbiegi Crafts Village u postijiet ohra simili. Iz-zona li jibqa' ser tintuza ghal family farming fejn fil-fatt in-nies li kienu qed jahdmu l-eghlieqi f'din iz-zona ser jibqghu jahdmu l-arja filwaqt li dawk li kienu juzaw il-post ghal zergha ser titnaqqas iz-zona peress li dawn ser ikunu qed jintuzaw ghal uzu agrigolu biss. Is-Sindku zied li huwa mehtieg li ssir *follow up* tal-applikazzjoni tad-devoluzzjoni jew applikazzjoni gdida. Huwa talab lill-Kunsill japporva tali devoluzzjoni mill-gdid. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha issir b'mod urgenti.

9.26am Lisa Marie Brooke dahlet ghal-laqgha.

Is-Sindku qal li l-pjanti huma biss *concept* u u li qabel ma jkun finalizzat il-progett irid ikun diskuss u maqbul mal-partijiet koncernati sabiex jghaddi ghall-fazi ta' approvazzjoni u implimentazzjoni. Joseph Mizzi staqsa x'ha jibqa' jidher fil-wicc fejn is-Sindku qal li fuq ser jibqa' biss il-grawnd tal-futbol u restaurant kif gie diskuss qabel.

Is-Sindku qal li hemm hafna maintenance costs x'isiru u bhala Kunsill tajjeb li jaghti l-assistenza lill-Gharb Rangers sabiex l-isports tal-futbol jibqa' ghaddej, jirnexxi dejjem aktar u ikun sostenobli.

Joseph Mizzi staqsa il-grawnd iz-zghir minn min ser jintuza fejn is-Sindku qal li dan jintuza ghal *training* filwaqt li l-grawnd il-kbir jintuza ghall-kompetizzjoni. Huwa zied jghid ukoll li t-trabb li jitnehha waqt it-tahmil ser jintuza ghall-istess zona.

24.3.3 Is-Sindku semma Triq Patri Caruana ma kienx hemm fondi ghalija pero' l-Ministeru ghal Ghawdex ipprovdew aktar fondi u ghaldaqstant din it-triq ser tkun inkluza fihom.

**24.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

24.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet mill-Kunsilliera.

**24.5 Korrispondenza u Rapporti**

24.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp:

PA/107407/25, PA/07435/25, PA/07506/25, PA/07539/25, PA/07601/25, PA/07603/25, PA/07709/25, PA/0729/25, PA/07539/25

## 24.6 Attivitajiet għax-xhur ta' Jannar u Frar 2026

24.6.1 Is-Sindku spjega li fid-19 ta' Diċembru ser jingħataw bidu l-attivitajiet tal-Milied bis-Singing Christmas Tree. Huwa qal li din issir fuq iz-zuntier tal-Knisja pero' jekk ikun Maltemp din ser issir ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali. Huwa spjega li bħala ġurnata din ma tistax tinbidel peress li fl-20 ta' Diċembru ser ikun hemm il-parata tal-Milied.

24.6.2 Inawgurazzjoni tal-Pool tal-ARB Complex kif ġie diskuss preċedentament din hija prevista għal Jannar.

24.6.3 Is-Sindku semma ukoll il-ħarġa li ssir annwali għal familja għal Fairy Land fejn huwa ssuġġerixxa li ssir fit-2 ta' Jannar 2026. Il-Kunsill qabel ma' li għandha tiġi organizzata din il-ħarġa.

24.6.4 Attivita' oħra fil-qrib hija dik tal-Karival fejn il-Kunsill li dan għandu jiġi organizzata bħas-snin preċedenti u għal din is-sena d-data ser tkun 8 ta' Frar fl-10.30am.

24.6.5 Il-Kunsill iddiskuta ukoll dwar safar fejn ġie spjegat li fuq dan għad m'hemm xejn pjanat peress li l-biljetti tal-ajru jidher li huma ftit għoljin.

## 24.7 Inawgurazzjoni ARB Complex

24.7.1 Din il-materja ġiet diskuss preċedentament waqt il-komunikat tas-Sindku.

## 24.8 Proġetti u Xogħolijiet

24.8.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ġie mogħti fundi ulterjuri sabiex jitkomplew xogħolijiet ġewwa ARB Complex fejn b'dawn il-fondi li huma 85% mogħtija u 15% minn fondi tal-Kunsill ser jgħinu sabiex isir gym u treatment rooms.

24.8.2 Fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar ġie spjegat li x-xogħolijiet għadhom għaddejjin pero' l-Kunsill kien għad ma kellux risposta dwar jekk il-Ministeru huwiex ser jiffinanzja t-triq. Is-Sindku qal li f'dan il-punt il-bankini m'għandhomx isiru u t-triq tibqa' b'layer wieħed. Is-Sindku qal li kulħadd jixtieq li jsiru aktar xogħolijiet pero' l-Kunsill irid jimxi skond il-budget. Huwa żied jgħid li l-Ombudsman qed jgħafas sabiex jitlestew ix-xogħolijiet. Min-naħa tal-Kunsill kienet qegħda ssir pressjoni pero' qabel ikun hemm il-*commitment* finanzjarju ma' setgħux jitkomplew ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal li huwa għandu laqgħa fit-18 ta' Diċembru l-Ministeru u ser ikun qed jiddiskuti magħhom dwar din it-triq.

## 24.9 Performance Bonus tal-Ħaddiema

24.9.1 Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus ta' l-iskrivan Christian Attard kif ukoll ta' l-Animal Steward Joe Louis Piscopo fejn dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Is-Sindku ddikjara li fir-rigward tal-Performance Bonus ta' Christina Camenzuli huwa għandu nteress personali u għalhekk filwaqt li talab li jiġi skużat

hareg mil-laqgha. Il-Vici Sindku Louis Apap kompla jippresiedi. Gie diskuss l-Performance Bonus ta' Christina Camenzuli fejn dan gie approvat unanimament. Is-Sindku gie imsejjah lura ghal-laqgha u kompla jippresiedi. Gie diskuss il-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv fejn Lisa Marie Brooke iddikjarat li ghandha nteress personali u ghalhekk filwaqt li talbet li tigi skuzata harget mil-laqgha. Il-Kunsill iddiskuta il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u dan gie approvat unanimament. Lisa Marie Brooke isejjet lura fil-kamra.

**24.10 Materji ohra**

24.10.1 Il-Vici Sindku staqsa dwar il-garaxxijiet ta' Custo' liema kienu dawk li kienu qed jinkrew fejn is-Sindku fakkar fejn dawn jinsabu.

24.10.2 Joseph Mizzi staqsa jekk huwiex possibbli li parti mill-progett taz-zona tal-grawnd li tindkludi l-hostel huwiex possibbli li tintuża bhala Stores fejn is-Sindku qal li iva li ga hemm dak il-pjan. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jista' jibni l-parti tal-istores ghalissa sabiex il-Kunsill juża l-stores tieghu. Is-Sindku qal ukoll li parti mill-amentities ta' dan il-progett jistghu ikunu hwienet li jghinu sabiex iżomm iz-zona mid-dhul taghhom u fl-istess waqt ir-residenti ikollhom aktar possibilitajiet.

24.10.3 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**24.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

24.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 22 ta' Jannar fid-9.00am.

24.11.2 Il-laqgha spiccat fil-10.00AM

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv